MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 150/1998/1

**Is-socjeta' Josmic Limited**

**Vs**

**Annetto Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-aviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin lira u erbghin centezmu (Lm544.40) prezz ta' xorb lill-konvenut mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tad-19 ta' Novembru 1997.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba attrici ghanha tigi michuda bl-ispejjes peress illi mhux minnu illi l-intimat ghandu jaghti lil attur l-ammont pretiz fl-avviz aktar il-fuq precitat u dan kif jigi ndikat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba attrici hija preskritta a bazi tal-Art 2148 (b).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari moghtija in konnessjoni mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sottomessa mill-konvenut u li tinsab a fol 44 tal-atti.

Rat in-nota tal-istess konvenuta fol 54 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut, permezz tan-nota presententata minnu fis-7 ta' Mejju 2001 (fol 54 tal-atti) spjega li t-tieni eccezzjoni sottomessa minnu u kif hemm fuq citata kienet tirreferi ghal xogholijiet (esegwiti) lil Joseph Cachia, direttur tas-socjeta attrici …… u li l-ammont dovut ghal dawn ix-xogholijiet … kellu jpaci l-ammont pretiz fl-avviz odjern.

Illi l-istess eccezzjoni kif sottomessa tfisser li l-konvenut ma hux qed jikkontesta l-ammont specifikat fl-avviz jew il-konsenja tax-xorb in kwistjoni izda jippretendi li l-ammont dovut lilu in rigward l-imsemmija xogholijiet ghandu jservi ta' tpacija ('set off') ghal dak dovut skond l-istess avviz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili tpacija topera bhala mezz ta' pagament ta' debitu u meta hemm zewg persuni, jew naturali kemm guridici, li huma debituri ta' xulxin. In rigward iz-zewg debiti ghandhom jinvolvu somma flus "or a determinate quantity of fungibles

of the same kind", u ghandhom jkunu esigibbli u likwidi ossija jkun hemm ic-certezza dwar il-kwantita.

Illi fil-kaz in desamina l-konvenut (fol 41 et seq ibid) xehed taht gurament, li hu kien esegwixxa xoghol fuq inkarigu ta' Joseph Cachia msemmi u ta' dan ix-xoghol ma kienx thallas. Fl-istess xhieda, hu semma illi "sa fejn naf jien hallast kollox" in rigward l-ammont pretiz fl-avviz u dan kontrarjament ghal dak li qal fin-nota tieghu hawn fuq citata. Inoltre hu kompla jghid fl-istess xhieda "Ma jidhirlix li jiena ma hallastx peress li ghandi niehu minghand Cachia stante li din, fi kliemi stess, hija haga ohra". Jigi notat illi il-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit' li jinsab a fol 64 u fol 65 tal-atti. Hawnhekk il-konvenut kompla jikkontradixxi lilu nnifsu billi testwalment qal "Ir-raguni ghalfejn dan l-ammont (cjoe dak specifikat fl-avviz ma thallasx kien ghax bejni u bejn Joseph Cachia kien intlahaq ftehim fuq xoghol ta' kisi u tibjid. Dwar il-prezz ta' dan ix-xoghol hu kien fadallu jiehu madwar Lm1600.

Ikkunsidrat

Illi Joseph Cachia (fol 10 fol 51 u fol 74 tal-atti) dan spjega illi d-diretturi tas-socjeta attrici kienu hu u huh Michael Cachia. Fl-istess xhieda, hu jsemmi illi f'kaz li hemm xi flus dovuti lill-konvenut, dawn huma, caso mai, dovuti minn socjeta ohra bl-isem ta' "JJS Developers (Ltd)" li taghha hu u persuna ohra bl-isem ta' Joseph Baldacchino huma azzjonisti u diretturi (ara ukoll l-affidavit ta' Michael Cachia a fol 59 tal-atti). Fl-ahhar nett hu baqa jsostni illi x-xoghol ta' tikhil esegwit mill-konvenut f'propjeta go Ghawdex, dan ix-xoghol kien sar ghas-socjeta l-ohra gja msemmija.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li l-eccezzjoni ta' tpacija kif proposta mill-konveut ma tistax treggi in vista li mill-premess ma jidhirx li huma involuti l-istess persuni li huma partijiet f'din il-kawza u l-ammont pretiz mill-konvenut ma hux cert u likwidu kif hemm mnizzel fl-artikoli hawn fuq citati.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni in esami,apparti kull konsiderazzjoni ohra dwar il-mod kontradittorju u konfliggenti ta' kif xehed il-konvenut, ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ammont specifikat fl-avviz, dan jinsab pruvat, sufficjentment, permezz tad-dokumenti esebiti a fol 14 sa fol 23 tal-atti) kif konfermati, taht gurament mill-istess Joseph Cachia (fol 10 et seq ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut in rigward il-meritu ta' din il-kawza tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm544.40,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tad-19 ta' Novembru 1997. B'riserva "si et quatemus" ghal kull dritt spettanti lill-konvenut anke vis-à-vis xi persuna ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------